# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1167/97

Frank St.John

vs

Ic-Chairman, Korporazzjoni Telemalta ghan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess Korporazzjoni Telemalta u b' digriet tat-23 ta' Frar 2000 giet korretta ghal Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 6 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew

ghall-habta tal-11 ta' Mejju 1987 u wara, huwa sofra ingustizzja f' li nghata trasferimenti mill-aktar vendikattivi u dana b'mod l-aktar ingust.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa dak iz-zmien kien assenjat mal-General Manager ta' l-istess Korporazzjoni fejn ix-xoghol tieghu kien ikopri, fost ohrajn, affarijiet li kellhom x'jaqsmu mad-dixxiplina, "security" u "environment".

Illi jumejn wara l-elezzjoni tal-1987, ir-rikorrent kien gie mghajjat mis-Sur Anthony Debono, il-General Manager, li kien qallu li b'effett immedjat, minn dak il-hin stess, kellu jibda jirraporta ghax-xoghol fl-External Division tal-Korporazzjoni, f'San Gorg, flimkien ma' Mrs. Maria Catania, li dak iz-zmien kienet taghmel xoghol amministrattiv fl-ufficju tac-Chairman, li dak iz-zmien kien is-Sur Maurice Mifsud Bonnici.

Illi meta r-rikorrent mar fejn gie ndikat lilu, sab li kien gie mpoggi f'post li ma kienx adegwat bhala ufficju u ghalkemm oggezzjona ghal dan, qalulu li dik kienet l-ordni.

Illi r-rikorrent thalla ghal aktar minn sena shiha ma jaghmel xejn, peress li ma kienx qed jigi moghti l-ebda xoghol, ghalkemm huwa kien jitlob li jinghata l-istess kontinwament.

Illi matul dan il-perjodu, r-rikorrent kien kontinwament persegwitat minn telefonati anonimi fuq il-post tax-xoghol, li f'hafna kazi kienu jikkonsistu f'theddid personali, u li baqa' ma sar xejn dwarhom, ghalkemm ir-rikorrent ghamel diversi rapporti dwar dan.

Illi r-rikorrent, meta fl-ahhar inghata x-xoghol tas-supervizjoni tal-haddiema manwali, dan dahal ghalih b-akbar serjeta` u spicca biex holoq hu stess sistemi adegwati u efficjenti ghal dan il-ghan.

Illi wara li ghamel dan ix-xoghol, ir-rikorrent rega gie trasferit u baqa' jigi persegwitat kontinwament, fejn f'kaz minnhom tant kien serju li kien sar rapport lill-Pulizija u saret investigazzjoni.

Illi minkejja dan kollu r-rikorrent baqa' xorta wahda jaqdi dmiru bl-akbar reqqa, ghalkemm f'cirkostanzi tant difficli.

Illi ghal darba ohra r-rikorrent rega gie trasferit, din id-darba ghall-"Main Stores", fejn tpogga f'kamra li qabel kienet tintuza bhala stalla taz-zwiemel, f'ambjent mill-aktar inuman u degradanti ghall-ahhar.

Illi ghal darba ohra, r-rikorrent, minkejja dan kollu, ghamel xogholu bl-aktar reqqa, u flimkien ma' kollega iehor tieghu, is-Sur Mario Mallia, rnexxielu jikseb rizultati pozittivi, haga li tista' tigi konfermata mill-General Manager tal-istess Korporazzjoni.

Illi minbarra minn hekk, ir-rikorrent gie ddikjarat, bla ebda bazi ta' xejn, bhala haddiem irregolari u kellu l-grad kif ukoll il-paga tieghu ffrizati mis-sena 1988 sal-gurnata tal-lum. Dan sar bl-aktar mod vendikattiv u fil-fatt gie vverifikat lilu, wara li saru r-ricerki necessarji, illi din kienet decizjoni zbaljata.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi:

i) Jigi ddikjarat illi r-rikorrent sofra ingustizzja meta hu b'mod l-aktar ingust gie moghti diversi transfers purament vendikattivi u ddikjarat bhala haddiem irregolari u mcahhad mid-drittijiet u beneficcji li kienu dovuti lilu;

ii) jinghata rimedju billi jigu moghtija lilu dawk id-drittijiet u beneficcji kollha dovuti lilu u

iii) Jigi ordnat li jinghata kumpens ta' hamest elef lira Maltin (Lm. 5000) ghall-ingustizzja hekk sofferta.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat, li eccepixxa:

1. Illi l-Korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini tal-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

2. Illi r-rikorrent ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu b'xhieda u provi ohra dwar il-fatti allegati minnu. Ir-rikorrenti jirrizerva li wiegeb fid-dettal meta jkun edott ahjar mill-fatti ta' l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti.

3. Illi f'kull kaz l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jidhru li huma infondati.

4. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illli r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li fl-ghodwa tac-celebrazzjonijiet tar-rebha tal-Partit Nazzjonalista ta' Mejju 1987 gie ordnat biex johrog barra mill-ufficcju u jinzel isfel sakemm tohrog ordni ohra. Wara gie ordnat biex imur id-dar u jidhol l-ghada. Baghat ghalih il-General Manager Tony Debono u qallu biex minn dak il-hin stess u minghajr ma nghata ebda raguni jirraporta ghax-xoghol l-external Division, San Gorg. Poggewh f' kamra assolutament mhux adekwata bhala ufficcju. Din kienet tinsab go kuritur b' tieqa zghira ghal go bitha interna. Ghamel madwar sena ma jaghmel xejn u dan minkejja li nsista mas-Sur AV Rizzo, Head of External sabiex jinghata x-xoghol. Kellu diversi telefonati oxxeni izda ghalkemm ghamel rapport fuqhom ma sar xejn. Sakemm dam l-External Division ghal madwar sentejn bidlulu madwar erba' kmamar, daqqa fuq hdejn it-toilets, u daqqa isfel go xi kuritur. Is-Sur Rizzo inkarigah jaghmel diversi xogholijiet. Wara baghat ghalih il-General Manager u qallu li kien se jerga' jigi trasferit fil-Main Stores, Sa Maison. Hu oggezzjona izda ghalxejn. Wara dan it-transfer sab ruhu go kamra li kienet tintuza bhala stalla taz-zwiemel fi zmien l-Inglizi, ghax anke l-holoq ma fejn kienu jorbtu z-zwiemel kienu ghadhom hemm. Ftit metri 'l boghod mill-bieb tal-ufficcju tieghu kien hemm skip fejn jarmu r-rubbish u spiera tad-drenagg li kienet tinten seba pesti. Ix-xoghol li tawh kien jikkonsisti f'li jiehu hsieb il-Fixed Assets u l-inventarji tal-Kumpanija u minkejja c-cirkostanzi difficli gab rizultati posittivi. Dan jista' jikkonfermah is-Sur Joe Azzopardi li dak iz-zmien kien Chief Accountant, illum General Manager. Zied jghid "illi barra minn hekk, jien kont gejt b'mod mill-aktar abbuziv, iddikjarat bhala

haddiem irregolari u kemm il-grad kif ukoll il-paga tieghi kienu gew ingustament iffrizzati minn 1988 sal-1998. Ghalxejn insistejt ma' l-awtoritajiet ghax kien kollu ta' xejn. Wara li ghaddew madwar disa' snin saret inkjesta dwar il-kaz tieghi u gie kkonfermat li jiena mhux suppost li kont gejt iddikjarat bhala haddiem irregolari." Sostna wkoll li kien gie umiljat fil-grad peress li dak iz-zmien kien gie moghti l-grad ta' Clerk 1, ghalkemm xorta baqa' jaghmel ix-xoghol ta' Head of Section b' rizultat li affettwalu l-kundizzjoni medika tieghu. Sostna li dawn kienu vendikazzjonijiet politici peress li kien u ghadu involut mal-Partit Laburista.

In kontro ezami r-rikorrent semma li fl-1987 kienu nehhewh mis-sezzjoni fejn kien qed jahdem, kienu gew hafna nies fis-sezzjoni, kienu bdew ikellmuhom bl-addocc u qalulhom biex jitilqu minn hemm. Semma li kien hemm ma' dan il-grupp ta' nies Maurice Tanti Burlo kif ukoll Censu Arrigo. Kienu dawn l-ufficjali tal-Maltacom stess li tawh l-ordni li jinzlu isfel u ma jibqghux f' dik is-sezzjoni. Zied li "fuq il-kwistjoni li jien gejt imnizzel bhala haddiem irregolari, nghid li jien domt insofri l-konsegwenzi ghal disa snin peress li lili kienu nizzluni fil-grad ta' clerk, kelli ID li kienet ta' clerk u fuq l-punchcard kont nippancja bhala clerk, u mentri jien f'dak il-perjodu ta' zmien kont naghmel xoghol ta' head of section." Bhala salarju kien jiehu paga ta' AO, paga ffrizata minghajr increments. Meta s-sitwazzjoni tieghu giet regolarizzata wara snin, ha d-differenza, fl-arretrati minhabba l-increment.

Xehed Mario Mallia li semma li r-rikorrent kien gie trasferit f' post u barra minn hekk kien hemm riha ta' drainage ukoll f'dan il-post.

Xehed Joe Briffa li ghamel referenza ghall-incident ta' meta waddbu l-hmieg mal-bieb tal-ufficcju tar-rikorrent u semma li kull ma ghamlet il-kumpanija hi li harget memo biex jekk xi hadd ra xi haga jirrapporta u ovvjament ma sar xejn.

Xehedet Maria Catania li semmiet li l-ghada ta' l-elezzjoni tal-1987 kienet il-Head Office izda taf li numru ta' nies li kienu fl-ufficcju ta' fuqhom kienu nhargu barra u ntbaghtu d-dar. Ikkonfermat li hi ftit wara dak iz-zmien intbaghtet f'kamra f'San Gorg u damet hemm ghal madwar sena u nofs. Kienet flimkien mar-rikorrent u ma kellhomx x' jaghmlu. Dan ma kienx post adegwat ghax-xoghol. Kull ma kien hemm kamra b'tieqa li taghti go bitha, liema tieqa ma setghux jifthuha peress li kien hemm il-magni tal-kompressuri. Anqas ghamara u telephone ma kien hemm. Meta fl-ahhar gabulhom telephone u kienet tirrispondi hi kienu jistaqsu ghar-rikorrent u joffenduhom.
Anthony Rizzo xehed li jaf lir-rikorrent u li dan kien assenjat ghax-xoghol go kuritur. Ma kienx jinghata xoghol. Diversi drabi talbu x-xoghol Kien kuntent bix-xoghol li jaghmel Frank St. John. Zied li r-rikorrent diversi drabi lmenta mieghu fuq theddid u kliem hazin u incidenti ohra.

Julian Cuschieri kkonferma li kien mar-rikorrent fil-presenza tac-Chairman u General Manager, tal-kumpanija dak iz-zmien kienu

qalulu fil-presenza tieghu, li ghalkemm kien qed jaghmel xogholu sewwa xorta wahda dik hi l-ordni u ghalhekk kellu jigi trasferit Sa Maison.

David Buttigieg ikkonferma t-transfer ta' Frank St. John mill-Welfare Training ghall-Administration External datat 18 ta' Marzu 1988, mill-External Division ghall-Main Stores f' Sa Maison datat 2 ta' Frar 1990.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent preciz gurnata wara l-elezzjoni generali tal-1987 gie moghti transfer ghall-Administration External ghalkemm dan it-transfer gab id-data gab id-data tat-18 ta' Marzu 1988 u in segwitu rega' gie trasferit fit-2 ta' Frar 1990. Dan mhux fatt kontestat. Il-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja mar-rikorrent. Dwar il-mottiv tat-transfer il-korporazzjoni ma tat ebda raguni izda t-Tribunal fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem

esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta` titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

It-Tribunal jifhem li meta jsir tibdil fl-amministrazzjoni spiss ikun hemm il-bzonn li fl-ufficcji tac-Chairman u General Manager ikun hemm tibdil fid-dirigenti jew karigi gholja. Wiehed jistenna li ma' dan it-tibdil ikun hemm xi nies godda li jilhqu f' xi puzizzjonijiet izda dan ma jintitolax lil min ikun qieghed imexxi li jittrasferixxi lil dawk li qabel kienu jaghmlu dak ix-xoghol ghal postijiet f' kundizzjonijiet mhux tajba u li ma jigux assenjati xoghol. Irrizulta li r-rikorrent tpogga f' kamra zghira minghajr ventilazzjoni propja u ghall-ewwel minghajr mejda u telephone. Il-kamra kienet f' kuritur u t-Tribunal jaghmilha cara li mhux sewwa li persuna tigi tratta b' dan il-mod. Ukoll ir-rikorrent ma giex assenjat xoghol ghall-ewwel. Dan mhux sewwa kemm fir-rigward tieghu kif ukoll li azjenda parastatali tahli l-flus billi bniedem ma jigix assenjat xoghol kapriccjozament. Ma' dan wiehed irid izid illi in segwitu r-rikorrent rega' gie trasferit ghal post iehor li kien qabel uzat bhala stalla taz-zwiemel u bl-iskips tar-rubbish hdejn l-ufficju. Ukoll f' dan il-kaz ma nghatax raguni valida. Ir-rikorrent semma wkoll li ghal xi disa' snin gie dikjarat haddiem irregolari ghalkemm in segwitu dan gie rimedjat. Dan kollu jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-ligi u ghalhekk wara li t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata, isib l-ilment

gustifikat u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.